# QORTI KRIMINALI

# IMHALLEF

# Onor. Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Juris (EUR Law).

Akkuza Nru. 9/01

Ir-Repubblika ta' Malta

vs

HESHAM B.M. ALGENASS

Illum, 13 ta' Settembru, 2001.

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 9/2001;

Semghet lill-akkuzat Hesham B.M. Algenass volontarjament u nkondizjonatament jammetti l-akkuzi dedotti kontrih f'dan l-Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni baqa' jippersisti minkejja li l-Qorti taghtu l-opportunita' li jirrikonsidra din id-decizjoni tieghu w wissietu dwar il-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu.

Tiddikjara ghalhekk lill-Hesham B.M. Algenass hati talli:

***1. Importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u, cioe', meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett;***

***2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina li ghaliha tapplika t-Taqsima IV u V ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija' b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.***

Semghet bil-gurament lill-Ispettur Norbert Ciappara kif wkoll lill-istess hati, waqt is-seduta tal-lum, 13 ta' Settembru, 2001.

Rat l-atti.

Semghet lill-Avukati taz-zewg nahat jittrattaw dwar il-piena.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u cioe':

***1. L-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-hati f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri, ezattament fl-ewwel opportunita' tad-dehra tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2001, u meta ghadu ma giex iffurmat il-guri u b'hekk gew iffrankati hin u spejjes.***

***2. Iz-zmien li l-hati ilu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.***

***3. Il-fedina penali netta tieghu,***

***4. L-eta' tenera tal-hati li ghadu kemm ghalaq l-ghoxrin (20) sena u kien ghad ghandu dsatax (19) il-sena meta kkommetta r-reati in kwistjoni,***

***5. Il-kwantita' zghira u kwalita' tad-droga in kwistjoni li kienet biss ta' xi 300 gramma u ta' 60% purita.***

***6. Il-fatt li din kienet okkazjoni ta' darba biss li l-hati wettaq reati ta' din in-natura.***

***7. Il-ko-operazzjoni tieghu shiha u inkondizzjonata mal-Pulizija, partikolarment b'riferenza ghal dak li xehed illum stess fejn semma min kien tah id-droga u min kienet il-persuna f'Malta ghal min kienet destinata d-droga biex tigi traffikata, u fejn qal ukoll li lest li jaghti kull informazzjoni u xhieda f'xi eventwali proceduri li jistghu jinbdew bis-sahha ta' dak li xehed illum, cirkostanza din li tissodisfa id-dispost ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101, li ser jigi applikat minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena.***

Semghet ukoll lill-Avukat Prosekutur jghid li f'dan il-kaz ir-rekwiziti mehtiega ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 huma pjenament sodisfatti.

Hadet ghalhekk sew in konsiderazzjoni dan il-fattur tal-kollaborazzjoni tal-hati mal-pulizija, liema kolloborazzjoni din il-Qorti qed hawhekk tiehu din l-okkazzjoni sabiex, ghal darb'ohra bhal ma ghamlet precedentement, tinkoraggixxi w theggeg lil min b'xi mod hu involut fl-abbuz tad-droga sabiex jaghmel kuragg u jigi 'l quddiem, jghin, jikkollabora mal-pulizija w mal-gustizzja b'mod pozittiv u effettiv bhal ma ghamel il-hati odjern, sabiex b'hekk mhux biss hu jkun jista' jibbenefika mid-dispost ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101, izda jkun wkoll ferm istrumentali biex jghin b'mod sostanzjali fil-glieda kontra l-abbuz tad-droga w ta' l-effett, kultant fatali, li din thalli warajha.

Qieset mill-banda l-ohra n-natura u gravita' tar-reati addebitati lill-hati li xorta jrid ihallas ghal dak li ghamel b'mod li minhabba c-cirkostanzi specjali fuq imsemmija, jinholoq bilanc adegwat bejn l-interessi ta' l-istess hati u l-interessi tas-socjeta'.

Rat l-Artikoli 10, 10 (1), 9, 12, 14 (1) (5) , 15 A, 20, 22 (1) (a) (1B) (2) (a) (i) (ii) (3A) d, 22 (2) (b) (i), 29 u 26 tal-Kap. 101 l-Artikoli 17 (h), 20, 23 u 533 tal-Kap. 9, u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ghall-medicini Perikoluzi.

Tikkundanna lill-Hesham B.M. Algenass ghall-piena ta' erba (4) snin prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, kif ukoll multa ta' ghaxar telef lira Maltin (Lm10,000) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati, kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli tal-hati.

Tikkundannah ukoll sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' Lm34 spejjes peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Tordna wkoll il-konfiska w distruzzjoni tad-droga in kwistjoni permezz ta' l-Ispizjar Mario Mifsud dan kemm il-darba l-Avukat Generali ma jindikax fi zmien erba tijiem b'nota li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. L-espert nominat ghandu jirredigi process verbal tad-distruzzjoni u jippresentah f'dawn l-atti meta hu jesawrixxi dan l-inkarigu.

Fl-ahhar nett, ai termini ta' l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217, tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna li jinhareg kontrih Ordni ta' Tnehhija li ghandu jiehu effett appena jiskonta l-piena fuqu mposta illum.

(ft) Joseph Sammut
Deputat Registratur